**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 575/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**ERIC ATTARD**
**(ID: 427789M)**

**Illum, 21 ta' Jannar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ERIC ATTARD** detentur tal-karta tal-identita` numru: 427789(M), tressaq quddiemha akkuzat talli f'xi zmien fis-sena 2016 u fix-xhur u s-snin ta' wara, f'dawn il-gzejjer:-

1. Bhala persuna li tista' zzomm annimal perikoluz, zamm ferh ta' annimal (tliet ifrieh tal-ispeci Puma Concolor) minghajr ma innotifika lid-Direttur fi zmien gimgha mit-twelid permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mibghuta bil-posta registrata jew e-mail bl-ircevuta tal-kunsinna;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi naqas milli jirregistra l-frieh (tal-ispeci Puma Concolor) fi zmien erba' gimghat mit-twelid taghhom.

Barra dan, l-imputat Eric Attard huwa akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fl-20 ta' Settembru 2019[1] a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2019, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat, li wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Duncan Chetcuti Ganado, in rapprezentanza tal-kwerelant, waqt l-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-kwerelant waqt l-istess udjenza tal-15 ta' Jannar 2020, entrambi ddikjaraw li qed jirtiraw formalment l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat filwaqt li zammew ferm it-tieni imputazzjoni;

Rat illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni, l-imputat irregistra ammissjoni u ddikjara li huwa hati tat-tieni imputazzjoni;

Rat illi f'dan l-istadju l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni

[1] Fol. 8.

tal-htija tieghu anke wara illi tatu zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fil-15 ta' Jannar 2020 ammetta bla rizerva ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih u dan wara illi l-ewwel imputazzjoni giet formalment irtirata. Ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll l-addebitu tar-recidiva, gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi billi l-ewwel imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti b'dikjarazzjoni registrata fil-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni taghha.

Illi kwantu ghat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tosserva illi din taddebita lill-imputat ir-reat prospettat fir-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.19 (Regolamenti Dwar il-Pussess u z-Żamma ta' Annimali Perikolużi).

Il-Qorti semghet lil Dr. Duncan Chetcuti Ganado in rapprezentanza tal-kwerelant, jixhed illi minn spezzjoni li saret mid-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, irrizulta illi l-imputat kien fil-pussess ta' tliet frieh ta' animali perikoluzi tal-ispeci Puma Concolor, liema frieh huwa naqas milli jirregistrahom billi jhallas id-drittijiet dovuti fuq kull registrazzjoni entro t-terminu stipolat mil-ligi. Dan huwa ammess anke mill-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija fit-22 ta' Awwissu 2019, hekk kif jirrizulta mill-istqarrija esebita a fol. 5 u 6 tal-atti, fejn isosnti illi huwa ma rregistrax il-frieh minhabba malintiz dwar il-hlas tad-drittijiet dovut fuq ir-registrazzjoni ta' kull ferh.

F'kull kaz izda, maltiniz o meno, il-fatt jibqa' illi l-imputat kien obbligat jirregistra l-frieh in kwistjoni mal-awtoritajiet kompetenti u malgrado stqarr illi **l-frieh kienu ilhom li twieldu fil-5 ta' Ottubru 2016, sal-14 ta' Marzu 2019 huwa kien ghadu ma ottemperax ruhu mal-obbligi legali tieghu**. Maghdud dan il-fatt illi l-imputat fl-istess stqarrija rilaxxata minnu, stqarr illi huwa la ta kaz id-dokument li kien ircieva minghand id-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji u lanqas ikkomunika mal-awtoritajiet dwar ir-registrazzjoni tal-frieh in kwistjoni, liema ammissjoni fil-fehma tal-Qorti ma tistax titqies hlief bhala attitudni ta' non-kuranza totali da parti tal-imputat riferibbilment ghall-obbligi legali inkombenti fuqu.

Madanakollu, fl-istess waqt, jirrizulta wkoll mit-testimonjanza tal-imsemmi Dr. Duncan Chetcuti Ganado illi ghalkemm l-imputat naqas milli jirregistra l-frieh u jhallas id-drittijiet dovuti fir-rigward entro t-terminu stipolat mil-ligi, dawn id-drittijiet thallsu u l-frieh gew debitament registrati **qabel effettivament l-imputat gie mressaq quddiem il-Qorti mixli bl-imputazzjoni in dizamina**. Dan il-hlas, li sar fis-26 ta' Awwissu 2019, kif ukoll ir-registrazzjoni li saret abbazi u in vista ta' dan il-pagament, huwa sorrett ulterjorment mid-dokumenti esebiti mill-imsemmi xhud, Dok. DCG1 u DCG2.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, il-Qorti ghalkemm tosserva illi ma gietx esebita kopja legali tas-sentenza li ssir referenza ghaliha fil-fedina penali tal-imputat esebit a fol. 3 tal-atti, taghmel referenza ghall-ammissjoni inkondizzjonata tal-istess imputat fejn wahda mill-addebiti li kellu u li ma gietx irtirata, hija proprju dik ta' recidiva u l-imputat ammettiha.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat ghat-tieni imputazzjoni, jirrizulta illi r-Regolamenti introdotti bl-Avviz Legali 46 tal-2016, dwar il-Pussess u z-Zamma ta' Annimali Perikoluzi (L.S. 439.19), jehtiegu illi l-frieh ta' annimali perikoluzi ghandhom jigu registrati mad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji fi zmien erba' gimghat mit-twelid taghhom[2], u ma kull registrazzjoni ta' ferh ghandha tithallas il-mizata stipolata. Imbaghad, l-Avviz Legali 45 tal-2016, cioe` l-Ordinanza dwar id-Drittijiet (Regolamenti tal-2016 dwar id-Drittijiet li jitħallsu għall-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi), jistipola illi ghall-ewwel registrazzjoni ta' kull ferh tal-ispeci, *inter alia* tal-puma, ghandu jithallas dritt fis-somma ta' €1,000. Ir-regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.19 jipprovdi illi kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, tkun ħatja ta' reat u teħel il-pieni stabbiliti fl-Att dwar it-Trattment Xieraq tal-Annimali[3].

Il-Qorti tosserva illi fid-data meta l-imputat tressaq quddiem il-Qorti u meta effettivament wettaq ir-reat addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni, l-emendi li saru fl-Artikolu 45 tal-Kapitolu 439 permezz tal-Att XXII tal-2019 li introducew

[2] Regolament 4(13) tal-L.S. 439.19.
[3] Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

zieda fil-piena applikabbli ghal xi ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Att jew tar-regolamenti maghmulin tahtu, kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh[4]. Dan ifisser illi l-piena applikabbli ghar-reat kommess mill-imputat li ma jirrizultax illi kien diga` instab hati precedentement ghal dan l-istess reat, hija ta' multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Madanakollu, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena, fosthom is-segwenti: l-ammissjoni bikrija tal-imputat li fl-istqarrija tieghu tat-22 ta' Awwissu 2019 kien diga` ammetta bla rizerva l-htija tieghu; il-ko-operazzjoni sussegwenti tieghu meta wara biss erbat ijiem mill-istqarrija, irregistra t-twelid tal-frieh u hallas id-drittijiet kollha dovuti sabiex jirregola l-pozizzjoni legali tieghu; il-fatt illi r-registrazzjoni tal-frieh saret, ghalkemm mhux tempestivament, qabel ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat; kif ukoll il-fatt illi jirrizulta mill-istess stqarrija tieghu illi l-imputat ihobb l-annimali tant illi effettivament ma hemm ebda hjiel mill-provi u fl-atti, ta' xi mohqrija tal-annimali da parti tal-imputat u lanqas xi hjiel illi l-imputat naqas milli jhares jew jittratta b'mod xieraq l-annimali in kwistjoni.

Mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti ma tqisx illi l-piena ta' prigunerija u l-multa kif kontemplata fl-Artikolu 45 tal-Kap. 439 huma idonei bhala piena f'dan il-kaz. Minflok, hija tal-fehma illi mehud qies ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, ma jkunx spedjenti li twahhal piena lill-imputat izda ghandha minflok taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum.

**<u>Decide</u>**

[4] Dawn l-ementdi fil-piena dahlu fis-sehh fid-29 ta' Novembru 2019 skont l-Avviz Legali 265 tal-2019.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 46 tal-2016, u r-regolamenti 4 u 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.19 (Regolamenti Dwar il-Pussess u z-Żamma ta' Annimali Perikolużi), fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil ERIC ATTARD hati tat-tieni imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva, izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**